**<u>STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR IL-KUNSILL EWROPEW LI NŻAMM NHAR IL-ĦAMIS 27 U L-ĠIMGĦA 28 TA' ĠUNJU 2013</u>**

Sur President,

Nixtieq nirrapporta lil din il-Kamra dwar ix-xogħol li sar waqt il-Kunsill Ewropew li ltaqa' nhar il-Ħamis 27 u l-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2013, u li l-konklużjonijiet tiegħu qed inpoġġihom fuq il-mejda tal-Kamra.

Fl-isfond ta' dan il-Kunsill intlaħaq qbil bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar il-Multiannual Financial Framework. Il-Kunsill iffoka wkoll fuq il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-iffinanzjar tal-ekonomija.

Dan il-Kunsill ikkonferma wkoll ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal pajjizi kollha, fosthom pajjiżna, li kienu tħabbru fl-aħħar ġimgħat.

**Multiannual Financial Framework**

Kif għidt, intlaħaq qbil fi ħdan l-istituzzjonijiet fuq il-qafas budgetarju tal-Unjoni Ewropea għas-seba' snin li ġejjin.

Minkejja d-diskussjonijiet li kien hemm u d-dubji li setgħu iddaħħlu, Malta żammet l-istess ammont ta' fondi disponibbli kif imwiegħed fi Frar ta' din is-sena.

Issa r-responsabbilta' f' idejna li bħala pajjiż nagħmlu l-aħjar użu minn dawn il-flus Ewropej u naraw li jkollna prijoritajiet ġusti fl-immaniġġjar tal-fondi.

Tajjeb hawn wiehed jirrimarka l-ħidma eċċellenti tal-Presidenza Irlandiża, li kienet strumentali biex jintlaħaq dan il-qbil li issa mistenni jiġi kkonfermat mill-Parlament Ewropew.

**Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi**

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea huma maġġor parti tagħhom l-istess rakkomandazzjonijiet li kellna fl-aħħar snin.

Nistghu ninnutaw avvanzi f'ċertu rakkomandazzjonijiet u tħassib f' ohrajn.

Il-*wording* tar-rakkomandazzjoni wara negozjati li saru jagħtu lil Malta l-ispazju biex tiehu passi mingħajr ma hija preskrittiva żżejjed. Hija 'il bogħod mil-livell ta' preskrizzjoni u nuqqas ta' flessibilta' tas-sena li għaddiet.

Il-kwistjoni tal-pensonijiet hija sfida li rridu nilqgħu għaliha b'iktar xogħol. Din torbot ukoll mar-rakkomandazzjoni biex iktar żgħażagħ jibqgħu jistudjaw wara l-eta' obbligatorja ta' tagħlim.

Il-Gvern qed jiehu passi serji f'dawn l-oqsma. L-istrateġija Jobs+ li qed tiġi mfassla bħalissa tħares lejn strateġija ta' kif iktar nisa u persuni ikbar fl-eta' jkunu jistgħu jidħlu fid-dinja ta' xogħol. Dan filwaqt li l-ħaddiema jingħataw iktar ħiliet u jkunu iktar preparati għad-dinja tax-xogħol. Ma' din l-istrateġija qed naħdmu wkoll fuq il-garanzija għaż-żgħażagħ biex naraw li ma jintilfux persuni milli jikkontribwixxi bl-aħjar mod għall-ekonomija tal-pajjiż.

Ninnota wkoll li filwaqt li l-kwistjoni tal-Cost of Living Adjustment għadha tissemma fin-narrattiva tal-Kummissjoni Ewropea, madankollu din ir-referenza tneħħiet mir-rakkomandazzjonijiet tagħha.

L-enerġija hija rikonoxxuta mill-Kummissjoni bħala sfida ewlenija, u r-rakkomandazzjoni hija parti mill-politika tal-Gvern f'dan ir-rigward.

Għall-ewwel darba wkoll ddaħħlet referenza għas-sistema ġudizzjarja ta' Malta fejn il-Kummissjoni tinnota d-dewmien esaġerat fil-proċessi tal-Qrati ta' Malta. Dan qed jaffettwaw ħażin anke l-kompetittivita' u l-ekonomija ta' pajjiżna. Qabel ma biss il-Kummissjoni Ewropea tkellmet dwar il-Qrati tagħna, kemm bħala partit mill-Oppożizzjoni u anke issa fil-Gvern fhimna l-importanza li ntejbu l-operat tal-Qrati tagħna.

Ikkummissjonajna r-Rapport dwar ir-Riforma tal-Gustizzja u qed issir xogħol tajjeb ferm mis-Segretarjat Parlamentari għall-Ġustizzja biex nirriformaw il-Qrati tagħna għall-ġid ta' pajjiżna.

Il-bidla tista' ma togħġobx lil kulħadd, iżda li ma nagħmlu xejn mhijiex għażla. Konvint li l-Gvern se jsib il-koperazzjoni ta' dawk kollha nvoluti biex nirriformaw il-Qrati tagħna.

**Qgħad fost iż-żgħażagħ**

Teżisti realizzazzjoni llum li biex l-Unjoni Ewropea terġa' tibda tirpilja ekonomikament irridu niġġieldu bis-saħħa kollha l-qgħad fost iż-żgħażagħ. Dan il-Kunsill poġġa dan fiċ-ċentru tal-politika tiegħu u bħala għan ewlieni, speċjalment għal pajjiżi b' rata gholja ta' qghad.

Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ, biex iktar żgħażagħ jibqgħu fit-tagħlim jew fit-taħriġ hija waħda mis-soluzzjonijiet li qed tiġi mbuttata minn kulħadd.

Huwa ta' sodisfazzjon għalija li dan il-Gvern wera li mhux qed jistenna l-Unjoni Ewropea tiehu ċertu miżuri, anzi jippreċedi u jimbotta kunċetti f'Malta u fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropew li jispiċċaw parti mill-politika Ewropea.

Filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażagħ f'Malta mhuwiex fil-livelli ta' numru ta' pajjiżi Ewropej, nemmen li rridu nkomplu naħdmu biex iktar żgħażagħ ikunu fix-xogħol, fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ biex ikomplu nibnu l-pedamenti ta' ekonomija iktar b'saħħitha.

Il-qafas tal-finanzjament tal-Youth Employment Initiative kien milħuq fil-Kunsill Ewropew ta' Frar u l-livell ta' qgħad fost iż-żgħażagħ biex wieħed jikkwalifika kien definit għal 25 fil-mija. Il-Gvern sab din id-deċiżjoni diġa' mehuda sa minn qabel daħal jaqdi l-funzjonijiet tiegħu.

**Pjan ta' investiment ġdid**

Punt ieħor pożittiv li ħareġ fil-Kunsill u huwa parti mill-pjan ta' dan il-Gvern huwa l-bżonn li jkun hemm investiment għat-tkabbir ekonomiku.

Bis-saħħa tal-intervent ta' dan il-Gvern ingħata enfasi ħafna ikbar għall-importanza tan-negozju ż-żgħir u self-employment fl-Unjoni Ewropea. Filfatt hemm referenza għall-importanza tal-SMEs għall-ekonomija tagħna, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħolqien ta' impjiegi. B'hekk miżuri li jappoġġjaw SMEs se jingħataw prijorita'. L-Unjoni Ewropea qed tkun imħeġġa tipprowovi sens ta' entrepreneurship iktar qawwija fost iż-żgħażagħ. B'hekk ġie deċiż li l-Unjoni tniedi pjan ta' investiment ġdid għal dawn l-għanijiet.

**Bank tal-Investiment Ewropew**

Il-Kunsill Ewropew laqa' r-rapport tas-Bank tal-Investiment Ewropew dwar l-iffinanzjar tal-ekonomija. L-EIB qed jiġi mħeġġeġ biex jagħti self ikbar għall-iżvilupp tal-ekonomija billi jagħmel użu aħjar miż-żieda fil-kapital tal-bank.

**Unjoni Ekonomika u Monetarja**

Saret diskussjoni wkoll dwar l-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-avvanz li sar f'dan il-qasam. Filwaqt li x-xogħol għaddej b'ritmu tajjeb fuq l-Unjoni, kien hemm qbil li jittieħdu iktar passi fuq governanza ekonomika aħjar u iktar leġittimita' ekonomika u kontabbilta' fid-deċiżjonijiet li jittieħdu.

**Affarijiet oħra**

F'dan il-Kunsill ilqajna lill-Kroazja bħala t-28 membru tal-Unjoni Ewropea.

Intlaqgħet ukoll l-applikazzjoni biex il-Latvja tibda t-triq biex tissieħeb fiż-Żona Ewro.

L-istess Kunsill qabel li jibda n-negozjati, li mistennija jieħdu fit-tul, għad-dħul tas-Serbja fl-Unjoni Ewropea.

Ġiet addottata wkoll id-deċiżjoni li jinfetħu n-negozjati għal Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosovo.